# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 14 ta' Marzu , 2018**

**Rikors Numru : 1182/2015 JPG**
**Kawza Numru : 20**

**Avv.Nicholas Valenzia (k.i 3181M) bhala mandatarju specjali ta' Aerotron Limited, socjeta' estera registrata fl-Ingilterra**

**VS**

**Valorfly Limited (C-69639)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' l-Avv. Nicholas Valenzia (detentur tal-Karta ta' l-Identita' Numru 3181M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta' attrici Aerotron Limited, kif debitament awtorizzat, datat 14 ta' Dicembru 2015, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponent nomine jinsab debitament awtorizzat sabiex jirraprezenta lis-socjeta' attrici Aerotrom Limited, socjeta' estera registrata fl-Ingilterra bin-*

*numru 01129495 u b'indirizz registrat ta' Westley House, Fleming Way, Crawley, West Sussex RH10 9GA;*

2. *Illi s-socjeta' attrici hija wahda mill-fornituri ewlenin fl-Ewropa fl-industrija tal-avjazzjoni civili u toffri servizzi varji lill-klijenti internazzjonali taghham, fosthom kiri ta' ajruplani u fornitura ta' 'spare parts' ta' ajruplani;*

3. *Illi s-socjeta Aerotron Ireland Limited, socjeta affiljata mas-socjeta' attrici u registrata fil-Irlanda, hija l-proprjetarja tal-ajruplan Boeing 737-400 bir-registrazzjoni 9H-VLA MSN 27003, liema ajruplan gie mikri mis-socjeta' Aerotron Ireland Limited lis-socjeta' Luxvalor Management SA (kumpannija registrata fil-Lussemburgu) permezz ta' kuntratt ta' kiri datat 11 ta' Mejju 2015 (kopja annessa u mmarkata* ***Dok NV1****), li min-naha taghha issullokat l-istess ajruplan lill-kumpannija konvenuta Valorfly Limited, li hija sussidjarja ta' jew altrimenti affiljata mal-kumpannija Luxvalor Management SA;*

4. *Illi s-socjeta' attrici, fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, forniet lill-istess konvenuta spare parts u servizzi relatati fir-rigward tal-ajruplan de quo u dan fil-valur ta' mija sebgha u ghoxrin elf tmien mija u tmienja u erbghin dollaru Amerikan u sitta u ghoxrin centezmu ($127,848.26) ekwivalenti ghal mija u ghoxrin elf mija u sitta u sebghin ewro u hamsa u sittin centezmu (€120,176.65), u dan skond prospett li jinsab hawn anness u mmarkat* ***Dok NV2****;*

5. *Illi minkejja li giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont, is-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsitx u dan l-ammont ghadu dovut sa llum;*

6. *Illi nelfrattemp, bis-sahha ta' awtorizzazzjoni bil-miktub mis-socjeta' konvenuta favur is-socjeta' Aerotron Ireland Limited ('Irrevocable De-Registration and Export Request Authorisation') u wara talba ghal daqshekk maghmula mis-socjeta' Aerotron Ireland Limited lid-Direttorat tal-Avjazzjoni Civili, l-ajruplan de quo gie de-registrat mid-Direttorat tal-Avjazzjoni Civili b'effett mit-13 ta' Novembru 2015 (kopja ta' estratt mill-Aircraft Register hawn annessa u mmarkata* ***Dok NV3****). Dan sehh minhabba ksur ta' obbligi*

*kuntrattwali (inkluz inadempjenzi fil-hlas tal-kirja) da parti tas-socjeta' konvenuta u tas-socjeta' Luxvalor Management SA, jew min minnhom, fil-konfront tas-socjeta' attrici u/jew tas-socjeta' Aerotron Ireland Limited, u f'dan ir-rigward, is-socjeta' attrici qieghda ghal kull bwon fini tirrizerva d-drittijiet taghha dwar il-pretensjonijiet li jista' ghandha fil-konfront tas-socjeta' konvenuta. Dwar dan is-socjeta' Aerotron Ireland Limited harget Notice of Default fil-konfront tas-socjeta' Luxvalor Management SA datata 21 ta' Ottubru 2015 (kopja hawn annessa u mmarkata* ***Dok NV4****);*

7. *Illi in kawtela tal-pretensjoni taghha mressqa f'dan ir-rikors guramentat, is-socjeta' attrici tablet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwstru kontra s-socjeta' konvenuta fit-23 ta' Novembru 2015 (mandat numru 1812/15).*

***Ghaldaqstant****, is-socjeta' attrici umilment titlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportun, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

I. *Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas l-ammont ta' mija sebgha u ghoxrin elf tmien mija u tmienja u erbghin dollaru Amerikan u sitta u ghoxrin centezmu ($127.848.26) ekwivalenti ghal mija u ghoxrin elf mija u sitta u sebghin ewro u hamsa sittin centezmu (€120,176.65), rapprezentanti valur ta' spare parts u servizzi relatati fir-rigward tal-ajruplan Boeing 737-400 bir-registrazzjoni 9H-VLA MSN 27003;*

II. *Tordna lis-socjeta' konvenuta thallas din is-somma lis-socjeta' attrici, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, u taghti dawk l-ordnijiet u l-provvedimenti l-ohrajn kollha necessarji u opportuni.*

*Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1812/15 ipprezentat u mahrug nhar it-23 ta' Novembru, 2015 kontra s-socjeta' konvenuta, illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull ohra spettanti lill-istanti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' Valorfly Limited (C-69639) datata 26 ta' Frar 2016, a fol 49 et seqq, li jaqra hekk:

1. *Illi fil-meritu t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;*

2. *Illi kwalsiasi servizzi rezi u spare parts fornuti lis-socjeta' esponenti kienu necessitati u huma konsegwenzjali ghan-nuqqas da parti tar-rikorreni noe li tipprovdi l-ajruplan f'kundizzjoni adegwata;*

3. *Illi, ghalhekk, is-socjeta' esponenti ma tistax tkun responsabbli ghal hlas ta' spejjez li huma attribwibbli unikament ghan-nuqqas tar-rikorrenti noe;*

4. *Illi in vista tal-premess, l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrent noe;*

5. *Illi, f'kull kaz, l-ammont pretiz ghandu jigi pruvat sal-grad rikjesti mil-Ligi;*

6. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi u b'riserva ghal kwalsiasi azzjoni ghad-danni spettanti lis-socjeta' esponenti.*

*Dikjarazzjoni ta' Valorfly Limited (C-69639), a fol 50 li taqra hekk:*

1. *Illi l-posizzjoni tas-socjeta' esponenti dwar il-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu qeghdin jigu rizervati sakemm ir-rikorrenti noe jipprezenta kopja tal-mandat tieghu;*

2. *Illi dwar il-fatti dikjarati fit-tieni u fit-tielet paragrafu ma humiex jigu kontestati safejn dawn huma rizultanti mill-provi li ser jitressqu;*

3. *Illi dwar il-fatti dikjarati fir-raba paragrafu, il-fatti hemm indikati qed jigu kontestati in kwantu kwalsiasi servizzi rezi u spare parts fornuti lis-socjeta'*

*esponenti kienu necessitati u huma konsegwenzjali ghan-nuqqas da parti tar-rikorrent noe li tipprovdi l-ajruplan f'kundizzjoni adegwata, u ghalhekk, is-socjeta esponenti ma tistax tkun responsabbli ghal hlas ta' spejjez li huma attribwibbli unikament ghan-nuqqas tar-rikorrenti noe; f'kull kaz l-ammont pretiz ghandu jigi pruvat u b'mod partikolari li effettivament l-ispare parts gew effettivament fornuti lis-socjeta esponenti;*

4. *Illi dwar il-fatti dikjarati fil-hames paragrafu, il-fatti qeghdin jigu kontestati in kwantu s-socjeta' esponenti ma tistax titqies responsabbli ghall-inadempjenza da parti tar-rikorrenti noe;*

5. *Illi dwar il-fatti dikjarat fis-sitt paragrafu, il-fatti hemm indikati qed jigu kontestati safejn dawn m'humiex rizultanti mill-provi li ser jitressqu, u in partikolari in kwantu s-socjeta' esponenti ma ksiret ebda obbligi kuntrattwali kif qed jigi allegat.*

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**Mark Westley,** Managing Director u azzjonist tas-socjeta Aerotron Limited xehed permezz ta' affidavit a fol 57 *et seqq* illi s-socjeta rikorrenti hija l-proprjetarja ta' disa' ajruplani tat-tip 737-400, normalment immanifatturati bejn is-snin 1990 u 1993, u cioe '*end of life assets'* li s-socjeta rikorrenti tikri lil terzi ghal perjodi ta' tlieta jew erba' snin sal-ahhar tal-hajja operattiva ta' dawn l-ajruplani. Spjega li s-socjeta rikorrenti ghandha kumpanija affiljata, u cioe Aerotron Ireland Limited, li hija l-proprjetarja ta' ajruplan tat-tip Boeing 737-400 bin-numru ta' registrazzjoni 9H-VLA MSN 27003, li gie mikri fuq bazi ta' '*As Is Where Is'* permezz ta' skrittura datata 11 ta' Mejju 2015 lis-socjeta Luxvalor Management SA, li minn naha taghha kienet issullokat l-istess ajruplan lis-socjeta ntimata, li hija sussidjarja ta' jew affiljata ma' Luxvalor

Managament SA. Kompla illi waqt din il-kirja is-socjeta rikorrenti kienet forniet *spare parts* u servizzi relatati fuq struzzjonijiet tas-socjeta ntimata in konnessjoni mal-ajruplan imsemmi, b'valur li jammonta ghal $127,848.26 (ekwivalenti ghal €120,176.65) kif jidher mir-rendikont immarkat Dok NV2.

Xehed illi lejn in-nofs ta' Mejju 2015, is-socjeta ntimata kienet ikkontrattat lis-socjeta Cardiff Aviation sabiex tizbogh l-imsemmi ajruplan, u dan kontra l-parir tas-socjeta rikorrenti sabiex minflok tqabbad lis-socjeta Atitech ghal dan l-inkarigu. Qal illi dan il-process kien wassal ghal dewmien sostanzjali minhabba li s-socjeta ntimata kienet qed idum ma taghmel il-hlasijiet relattivi lil Cardiff Aviation, tant illi s-socjeta rikorrenti kellha taghmel garanzija ghal pagamenti mis-socjeta ntimata **fuq tlett okkazjonijiet separati** biex tipprevjeni aktar dewmien u l-ispejjez assocjati ma' tali dewmien.

Spjega illi l-ajruplan imsemmi kien gie *Technically Accepted* mis-socjeta ntimata fil-5 ta' Gunju 2015, skont it-termini tal-iskrittura ta' kera relattivi, u kienet saret *demo flight* fl-24 ta' Gunju 2015, wara liema titjira, s-socjeta rikorrenti kienet irrettifikat id-difetti kollha identifikati fil-kors ta' l-istess titjira, u dan ghas-sodisfazzjon tas-socjeta ntimata. Kompla li sussegwentement l-ajruplan kien telaq minn Cardiff Aviation lejn Milan fil-25 ta' Gunju 2015, pero dan sar biss wara li s-socjeta rikorrenti kienet tat garanzija lil Cardiff Aviation ghal pagament mis-socjeta ntimata tax-xoghol addizzjonali li sar minn Cardiff Aviation, ghaliex inkella l-ajruplan ma kienx jithalla jitlaq lejn Milan. Zied li minn naha taghha, s-socjeta ntimata kienet assikuratu illi kienet ser thallas il-fattura relattiva lil Cardiff Aviation l-ghada. Spjega li waqt din it-titjira u anke wara, ebda difett ma gie rrapurtat.

Xehed li l-ewwel darba li gie rrappurtat difett fit-*Tech Log* kien fis-6 ta' Lulju 2015, u fis-7 ta' Lulju 2015 is-socjeta rikorrenti kienet giet informata mis-socjeta ntimata li l-ajruplan kellu bzonn itir lejn Napli ghand Atitech sabiex jigi mibdul *precooler* li kien qed jikkawzi problema ta' *pressurisation,* waqt li s-socjeta rikorrenti kienet talbet konferma tat-*troubleshooting* li sar ghal kull difett rappurtat peress li kellha riservi serji illi kien dan il-komponent li kellu bzonn jinbidel, izda s-socjeta ntimata fornieta biss bit-*Tech Log.* Qal illi s-socjeta rikorrenti tat parir lis-socjeta ntimata biex ma tiehux l-ajruplan Napli peress illi ssuspettat illi l-problema kienet jew fis-*seals* jew fil-

*valves*, izda s-socjeta ntimata injorat dan il-parir u hadet l-ajruplan Napli fejn wara jumejn manutenzjoni gie individwalizzat illi filfatt il-problema kienet ikkawzata minn *valve* li kellu jinbidel f'Milan. Infatti d-difett gie sodisfacentement rizolt bit-tibdil ta' dan il-*valve*. Xehed inoltre illi fis-7 ta' Lulju 2015 is-socjeta ntimata kienet avzat illi l-ajruplan kien qed jesperjenza difetti konsistenti f'kurrent ta' eletriku intermittenti. Mill-esperjenza taghha s-socjeta rikorrenti informat lis-socjeta ntimata illi dawn it-tip ta' difetti kienu normalment assocjati ma' problema fil-*constant speed drive.* Kompla li filfatt din il-problem kompliet tippersisti anke wara li nbiddlu numru ta' komponenti, sakemm eventwalment issolviet meta inbidel il-*constant speed drive* fit-3 ta' Awissu 2015. Xehed li sussegwentement fis-27 ta' Lulju 2015, is-socjeta ntimata ordnat AOG (*aircraft on ground)* minhabba li wara spezzjoni NDT, kienet instabet problema f'komponent iehor. Spjega li s-socjeta rikorrenti kienet tat parir lis-socjeta ntimata sabiex tistenna li ssir investigazzjoni ulterjuri qabel ma dbiddel il-komponenti, izda s-socjeta ntimata injorat dan il-parir u ordnat il-komponent imsemmi minghand Boeing, u hadet l-ajruplan Napli, fejn wara zewg spezzjonijiet NDT ulterjuri, irrizulta illi ma kienx hemm bzonn li tittiehed ebda azzjoni. Qal illi pero, peress li l-komponent lahaq gie ordnat, Boeing irrifjutat illi tiehdu lura kontra kwalunkwe tip ta' kreditu. Kompla jixhed illi fit-23 ta' April 2015 is-socjeta rikorrenti kienet offriet lis-socjeta ntimata '*Power by Hour Rotable Spares support contract',* izda dan ma kienx gie ffirmat mis-socjeta ntimata minkejja l-inkoraggiment da parti tas-socjeta rikorrenti.

Xehed illi d-debitu dovut mis-socjeta ntimata llum il-gurnata zdied u huwa fl-ammont ta' €134,307.88 minhabba fatturi ssussegwenti ghall-intavolar ta' din il-kawza. Spjega illi Valorfly u Luxvalor kissru l-obbligi kontrattwali taghhom u ghalhekk Aerotron Ireland kienet harget Notice of Default kontra Luxvalor fil-21 ta' Ottubru 2015, u li inoltre l-ajruplan gie diregistrat mid-Direttorat tal-Avjazzjoni Civili b'effett mit-13 ta' Novembru 2015 bl-awtorizazzjoni tas-socjeta ntimata. Ikkonferma illi ssusgwentement ghal din id-diregistrazzjoni, s-socjeta ntimata kemm il-darba talbet lis-socjeta rikorrenti sabiex tirriliaxxa l-imsemmi ajruplan favur is-socjeta ntimata stess fuq kondizzjonijiet differenti.

**In kontro-ezami** a fol 99 *et seqq* u b'referenza ghad-dokument ezebit a fol 100 u l-ammont indikat fil-paragrafu 7 tal-affidavit tieghu, spjega illi ghalkemm il-fatturi li thallew barra mill-pretensjoni odjerna jirreferu ghal xogholijiet esegwiti qabel l-14 ta'

Dicembru 2015, u cioe qabel ma giet ipprezentata din il-kawza, is-socjeta rikorrenti kienet ghada ma rcievetx dawn il-fatturi mis-*suppliers* taghha qabel ma intavolat il-kawza odjerna. Xehed li ghal dawn l-ahhar zewg fatturi, il-*purchase order* kien sar fis-26 ta' Awissu 2015, u spjega illi dawn m'humiex transazzjonijiet ta' bejgh semplici, izda huma '*exchange transactions'*. Dan iffisser li s-socjeta rikorrenti tipprovdi servizz ta komponent li imbaghad jista' jigi nstallat fl-ajruplan, tiehu l-komponent *unserviced* mill-ajruplan, tibghatu ghat-tiswija u huwa biss meta titlesta t-tiswija illi s-socjeta rikorrenti tissottometti il-fattura tat-tiswija. Spjega li ghalhekk fi ftit kliem, parti mix-xoghol gie esegwit f'Awissu, u parti mix-xoghol, u cioe it-tiswija tal-komponent *unserviceable* gie esegwit f'Dicembru, u l-fattura ta' Dicembru ghalhekk tkopri din it-tiswija tal-*unserviceable component* li kien '*Digital Flight Data Acquisition'* kif jirrizulta mid-dokument a Fol 96. Spjega li pero kien hemm ukoll transazzjonijiet li kienu jkunu bejgh semplici, u ghalhekk il-fattura kienet tohrog dakinhar stess. Xehed illi l-ajruplan kien gie diregistrat fis-6 ta' Novembru 2015, u s-socjeta rikorrenti regghat hadet il-pussess ta' dan l-ajruplan fl-istess gurnata. Ikkonferma li din id-diregistrazzjoni u t-tehid lura fil-pussess tas-socjeta rikorrenti tal-ajruplan in kwistjoni, kienet saret a bazi ta' *Power of Attorney* li kellu jigi ffirmat fi zmien l-iskrittura ta' kera. Ikkonferma li ghalhekk is-socjeta rikorrenti ma kienetx staqsiet espressament ghall-approvazzjoni tas-socjeta ntimata li jsir dan kollu. B'referenza ghad-dokument a fol 64, innega illi l-komponent bl-isem *Landing Gear Beam* jinsab f'idejn is-socjeta rikorrenti, u li vverifika dan il-fatt mal-*line maintenance organisation* u cioe EU Wings. Innega illi s-socjeta rikorrenti kienet ircievet dan il-komponent bid-DHL. Xehed illi l-ajruplan mikri mis-socjeta ntimata ma kienx *end of life aeroplane,* u li filfatt kien ghadu in operazzjoni, u li ghalkemm hu ajruplan matur ghad baqalu xi 6,500 siegha ta' titjir qabel ikun meqjus bhala *end of life aircraft.* Qal ukoll illi s-socjeta ntimata kellha gimghatejn sabiex tispezzjoni dan l-ajruplan u r-*records* kollha relattivi qabel il-kirja, u li inoltre kienet taf li kien *end of life asset* peress illi l-*Acceptance Certificate* anness mal-iskrittura ta' kera kien juri kemm il-siegha kien baqalu l-ajruplan biex itir, u cioe 36,077 siegha u 36 minuta, kif jidher mid-dokument a fol 22 tal-process. Ikkonferma illi l-*Acceptance Certificate* ma jindikax li l-ajruplan huwa *end of life* ghaliex dan ma kienx neccessarju.

Spjega illi c-CEO tas-socjeta ntimata kien iffirma l-*Acceptance Certificate* fil-11 ta' Mejju bi zball meta ffirma l-iskrittura ta' kera, izda s-socjeta rikorrenti, peress li gharrfet li dan kien zball, kienet ippermettiet lilu u lil rapprezenanti tieghu sabiex

jispezzjonaw kemm l-ajruplan u kif ukoll ir-*records* relattivi. Wara li sar dan, kien gie ffirmat *Acceptance Certificate* iehor f'Gunju, u l-ajruplan gie kkonsenjat lis-socjeta ntimata fil-5 ta' Gunju. Ikkonferma li t-*test flight* kienet saret fl-24 ta' Gunju, li kien beda minn Cardiff, fejn l-ajruplan kien stazzjonat waqt li kienu qed isir il-*bridging checks* sabiex jigi stabbilit jekk l-ajruplan effettivament jissodisfax it-termini tal-iskrittura ta' kera. Ikkonferma li waqt it-*test flight* kienu gew skoperti erba' difetti fl-ajruplan, li tlieta minnhom kienu problemi minuri, u kien gew imsewwija. Qal li fil-fatt l-ajruplan kien telaq ghal Milan l-ghada stess u dan juri li l-problemi riskontrati kienu filfatt minuri. Kienet Cardiff Aviation li kienet iccertifikat, minn punto di vista tekniku, li l-ajruplan seta jtir wara li saru t-tiswijiet necessarju ghal dawn id-difetti.

Mistoqsi jekk l-ajruplan setghax itir bejn il-11 ta' Mejju u l-24 ta' Gunju xehed illi sal-5 ta' Gunju, u cioe sakemm l-ajruplan kien gie accettat mill-aspett tekniku mis-socjeta intimata ma setghax itir, ghaliex is-socjeta ntimata ma kienx ghad kellha d-dritt tuzah, filwaqt li bejn il-5 ta' Gunju u l-24 ta' Gunju ma setghax itir peress li l-ajruplan kien qieghed jigi mizbugh skont ix-xewqat tas-socjeta ntimata. Meta gie suggerit lilu li l-ajruplan ma setghax itir minhabba d-difetti li kien gew skoperti waqt id-demo flight, xehed illi fil-verita l-ajruplan seta' jtir xorta wahda peress li dawn id-difetti ma kienux relatati ma' kwistjonijiet ta' sahha u sigurta. Xehed illi kienet is-socjeta rikorrenti li hallset ghat-tiswija ta' dawn id-difetti peress li dan kien obbligu taghha. Ikkonferma illi s-socjeta rikorrenti tixtri u tbiegh ajruplani u komponenti taghhom, u zied illi pero ma taghmilx xoghol ta' manutenzjoni. Qal li s-suggerimenti li kienet qed taghti s-socjeta rikorrenti kienu bbazati fuq dak li kien qalilhom Bob Harris, *Licensed Engineer* li ghandu iktar minn tletin sena esperjenza. Ikkonferma li jaf li s-socjeta ntimata kienet ghamlet *outsourcing* tal-*maintenance* lil EU Wings, u dan wara li gie mistoqsi jispjega kumment fl-affidavit tieghu li l-*maintenance practices* tas-socjeta ntimata kienu karenti sew.

**Ikkonsidrat;**

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Martin Mifsud et vs Marika Almerigo** deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-16 ta' April 2013:

> ***"Min jallega jrid jipprova – qui allegat probat. L-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah a tenur ta' l-artikolu 562 tal-Kap 12."***

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju 1953 intqal illi:

> ***"ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat."***

Il-Qorti rat illi ghajr il-kontro-ezami ta' Mark Westley, is-socjeta ntimata ma resqet l-ebda prova quddiem din il-Qorti. Il-Qorti rat ukoll illi filfatt, kif jirrizulta min-nota prezentata mill-Avukati Dr. Mario de Marco u Dr. Josette Grech a fol 878, is-socjeta ntimata waqfet tikkomunika mal-avukati difensuri taghha nonostante diversi tentattivi li saru minn naha taghhom, tant illi kienu irrinunzjaw ghall-patrocinju tas-socjeta ntimata fit-12 ta' Gunju 2017. Minn dakinhar la rapprezentant tas-socjeta ntimata ma deher quddiem il-Qorti u lanqas ma deher xi avukat ghaliha u dan minkejja l-opportunita moghtija ghal dan il-ghan minn din il-Qorti.

Il-Qorti rat illi mill-kontro-ezami ta' Mark Westley ma tirrizulta ebda kontradizzjoni kontra dak li huwa xehed fl-affidavit tieghu, u ghalhekk tqis illi t-testimonjanza tieghu tirrizulta, fic-cirkostanzi tal-kaz, kredibbli u affidabbli, u l-Qorti m'inghatat l-ebda raguni sabiex tiddubita l-veracita taghha.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi prodotti mis-socjeta rikorrenti, u fid-dawl tan-nuqqas ta' provi kontradittorji minn naha tas-socjeta ntimata, il-Qorti m'ghandhiex ghazla ohra hlief li tilqa' t-talbiet tas-socjeta rikorrenti.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta ntimata,**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li s-socjeta' ntimata ghandha thallas lill-attur nomine l-ammont ta' mija sebgha u ghoxrin elf, tmien mija u**

**tmienja u erbghin Dollaru Amerikan u sitta u ghoxrin centezmu ($127.848.26) ekwivalenti ghal mija u ghoxrin elf, mija u sitta u sebghin ewro u hamsa u sittin centezmu (€120,176.65), rapprezentanti valur ta' spare parts u servizzi relatati fir-rigward tal-ajruplan Boeing 737-400 bir-registrazzjoni 9H-VLA MSN 27003;**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna lis-socjeta' ntimata thallas lill-attur nomine din l-imsemmija somma ta' mija sebgha u ghoxrin elf tmien mija u tmienja u erbghin Dollaru Amerikan u sitta u ghoxrin centezmu ($127.848.26) ekwivalenti ghal mija u ghoxrin elf, mija sitta u sebghin ewro u hamsa u sittin centezmu (€120,176.65), lis-socjeta' rikorrenti, bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta ntimata.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**